**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 12 TA' FRAR, 2002

**Numru: 9**

**Avviz Nru: 1452/01AE**

**Anthony Fenech**

**vs**

**Angelo Bugeja**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qieghed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mija u ghaxar liri Maltin (Lm1,110) hlas dovut ghall-hsara li saret fil-vettura tieghu bin-numru JAP 551, meta waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura numru FAS 541 habat mal-vettura ta' l-attur u ghal liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-risposta ntavolata mill-konvenut (fol. 10) li permezz taghha kkontestata r-responsabbilta ghall-incident, kif ukoll il-kontro-talba (fol. 11) li permezz taghha qieghed jitlob il-hlas tas-somma ta' sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm650) ghal danni minnu sofferti fl-istess incident.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. L-incident meritu ta' din il-kawza sehh fi Triq il-Gardiel Marsascala.

2. Mill-provi rrizulta li:

(a) L-attur kien qieghed isuq il-vettura Skoda Felicia bin-numru JAP 551, filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura bin-numru FAS 541;

(b) Il-vetturi kienu qegdhin jinstaqu fid-direzzjoni opposta ta' xulxin;

(c) Fuq ix-xellug ta' l-attur, it-triq m'hijiex asfaltata. Fil-fatt huwa kien qieghed isuq fuq il-parti asfaltata. F'dan ir-rigward il-pulizija li nvestiga l-kaz xehed: *"Nispjega illi fuq in-naha*

*tax-xellug tal-vettura Skoda JAP 551 hemm il-hajt. Xi metru u nofs 'il barra minn dan il-hajt kien hemm xoghol ta' kostruzzjoni ghaddej f'dik il-wisa' tat-triq. Igifieri ma setghux jghaddu vetturi minn dik in-naha tat-triq".* (seduta tal-15 ta' Jannar 2002).

(d) Mid-direzzjoni li kien qieghed isuq minnha l-konvenut kien hemm vann ipparkjat mal-bankina. Il-konvenut hareg minn Triq id-Dahla ta' San Tumas.

(e) Fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2002 il-konvenut xehed:

- *"L-Iskoda kienet ghada kif harget minn telgha. Jiena ma stajtx naraha sew. Jiena l-Iskoda sibtha ma' wicci".*

- *"Irrid nghid illi minn dak li niftakar jiena, il-karrozza Skoda kienet fuq in-naha tieghi. Irrid insemmi illi l-Iskoda kienet iktar fuq il-karreggjata tieghi milli fuq is-side taghha".*

- *"Jiena qabel ma qlajt il-vann ipparkjat fl-ebda hin ma rajt lill-vettura gejja mill-faccata. Naqbel illi l-vettura rajtha kwazi mal-habta".*

3. Mill-provi li tressqu quddiem dan it-Tribunal, il-verzjoni moghtija mill-konvenut m'hijiex wahda verosimili. Mill-iskizz li hemm ezebit a fol. 17 tal-process jirrizulta bl-iktar mod

inekwivokabbli li kien il-konvenut li nvada l-karreggjata ta' l-attur.

4. Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-konvenut ma kienx qieghed izomm *"a proper lookout"* meta qabez il-vann li kien hemm ipparkjat fuq in-naha tax-xellug tieghu. Dan huwa kkonfermat mill-iskizz u mir-ritratt Dok. AB1. Fil-fatt il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hija dritta xemgha. Fil-fehma tat-Tribunal il-kliem stess tal-konvenut (***"Naqbel li l-vettura rajtha kwazi mal-habta"***) huma konferma li ma kienx attent ghat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni opposta.

5. Huwa maghruf li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jsuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Jista' jkun hemm cirkostanzi li fihom sewwieq irid jinqala' l-barra mit-trajettorja li jkun ghaddej minnha minhabba xi ostakolu, pero' meta jaghmel hekk ghandu juza l-ikbar prudenza sabiex bl-ebda mod ma jostakola traffiku iehor li jkun ghaddej mit-triq.

6. Il-konvenut jallega li l-attur kien qieghed isuq b'velocita eccessiva u kkritika l-agir tal-pulizija li nvestiga l-incident meta kien qieghed jiehu l-verzjoni ta' l-attur. It-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura fil-mod kif mexa l-ufficjal tal-pulizija fil-kors ta' l-investigazzjoni, u ma tirrizulta l-ebda prova li l-attur kien qieghed isuq b'velocita eccessiva. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, kien il-konvenut li bil-manuvra li ghamel invada l-karreggjata li kien ghaddej minnha l-attur. Manuvra li fil-

fehma tat-Tribunal kienet il-kawza prossima ghall-incident tat-traffiku meritu tal-kawza.

7. Dwar id-danni reklamati mill-attur, m'hemm l-ebda kontestazzjoni u jirrizultaw sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi:

1. Jiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fil-25 ta' April 2001 gewwa Triq tal-Gardiel, Marsascala.

2. Jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf mija u ghaxar liri Maltin (Lm1110) in lineja ta' danni.

3. Jichad it-talba rikonvenzjonali li ressaq il-konvenut.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Ottubru 2001.

Bl-ispejjez kollha (inkluzi drittijiet legali) kontra l-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**